IL-FGURA

---

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

## Laqgħa Nru. 42/2016

Data: It-Tlieta 19 ta' April 2016

Ħin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Dr. Byron Camilleri – Sindku<br>Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier (19:06)<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sur Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Jesmond Zammit – Kunsillier (18:37)<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier<br>Sur Rene Zammit – Kunsillier<br>Sur Saviour Camilleri – Kunsillier (18:57)<br><br>Sur Christopher Cutajar – Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | L-ebda Kunsillier. |
| Assenti: | L-ebda Kunsillier. |

---

**AĠENDA**

1. MINUTI
2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI
3. KORRISPONDENZA
4. PURCHASE REQUEST FORMS
5. ĦLASIJIET
6. MEMOS
7. TENDERS

8. PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

10. PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL

12. TRAFFIC MANAGEMENT

13. FINANZI

14. MOZZJONIJIET

15. MISTOQSIJIET

16. AĠĠORNAMENT

**Minuti - *42*/2016**

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4272/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 15 ta' Marzu, 2016". Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Approvazzjoni tal-Minuti

Il-mozzjoni ref: 4272/16/7 ġiet approvata unanimament.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjem ebda punt mill-Minuti.

# 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

# 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4273/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 19/4/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*PRFPO*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4273/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 5. Ħlasijiet

**5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4274/16/7 "Sabiex isir reklam skont kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni ta' reklam mal-Kummissjoni Festa Esterna għall-ktieb tal-Festa 2016.*

Il-mozzjoni ref: 4274/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4275/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 9/3/16 sa 14/4/16" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4275/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4276/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 13/4/16 sa 19/4/16" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4276/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**5.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4277/16/7 "Sabiex fir-rigward tal-Invoices annessi minn Dimbros Ltd, il-Kunsill jiddeċiedi illi jħallas biss 50% tal-kont peress li dawn għadhom mhux ċertifikati mill-Perit tal-Kunsill. Total: €8789.83 ; 50% €4394.92 ; Il-Kunsill iħallas €4394.92". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni ta' ħlas lil Dimbros Ltd.*

Il-mozzjoni ref: 4277/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 6. Memos

**6.1** Ma ġiet diskussa ebda memo.

*Is-Sur J Zammit daħal fil-kamra fis-18:37.*

## 7. Tenders

**7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4278/16/7 "*Quotation for*

*MFP-17-16 Multifunction Printer*

*Supply of a Multifunction Printer including maintenance agreement MFP-17-16* Sabiex tiġi adotata l-opinjoni tas-sotto kumitat anness u jintagħżel Avantech Ltd". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4278/16/7 ġiet approvata unanimament.

**7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4279/16/7 "*Tender BR-17-16 Collection of Bulky Refuse in an environmentally friendly manner*. Sabiex tiġi addotata l-opinjoni tas-sotto kumitat anness u jintagħżel is-Sur Daniel Cutajar". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*BR-17-16 Bulky Refuse*

Il-mozzjoni ref: 4279/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

**8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4280/16/7 "Sabiex tiġi rranġata bankina Triq Ward tax-Xemx k/m Valperga". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Tiswija ta' bankina*

Il-mozzjoni ref: 4280/16/7 ġiet approvata unanimament.

**8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4281/16/7 "Sabiex fir-rigward tal-applikazzjoni quddiem il-MEPA bi tracking number 00168968, Unknown Site at, Triq AM Valperga, Triq il-Kampanella, Fgura, Malta, To construct old people home. Dan il-Kunsill jikteb lill-MEPA sabiex jisħaq illi kwalunkwe żvilupp fuq din iż-żona għandu jsir b'konformita mal-Pjan Lokali, filwaqt li m'għandu jsir l-ebda żvilupp fuq żoni li ma humiex immarkati għal żvilupp fil-Pjan Lokali, jew inkella barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ). Jitlob lill-MEPA illi għandha tassigura illi ma jsir l-ebda żvilupp ġewwa Wied Blandun". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Dar tal-Anzjani fi Triq Valperga*

Il-mozzjoni ref: 4281/16/7 ġiet approvata unanimament.

**8.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4282/16/7 "Sabiex il-Kunsill jieħu sehem fl-attivita' dwar Fibromyalgia skont kif anness u jixgħel ir-roundabout ta' Triq Zabbar k/m Triq San Tumas f'kulur blu/vjola". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Fibromyalgia*

Il-mozzjoni ref: 4282/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

**9.1** Is-Sindku qal li s-Sindki taż-żona tal-Marsa ġew mistiedna mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jaraw l-andament tax-xogħol relatat maż-żarmar tal-Power Station tal-Marsa. Is-Sindku qal li dan il-

*Impjant tal-Elettriku fil-Marsa*

proġett serva sabiex fil-Fgura jkun hemm arja iktar nadifa.

**9.2** Is-Sindku qal li l-attivita' li saret nhar it-30 ta' Marzu sabiex tagħlaq il-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ kienet waħda ta' suċċess hekk kif ġie mniedi vidjo mużikali u ġiet mikxufa skultura fi Triq it-Tagħlim k/m Triq is-Sur, bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar relazzjonijiet abbużivi taħt it-tema 'Use Re-use and Abuse'. *Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ*

## 10. Progress ta' Ħidma mill-Membri tal-Kunsill

**10.1** Is-Sur P Dalli ssuġġerixxa li jsir dawl fiss fuq l-iskultura li tqiegħdet fi Triq it-Tagħlim k/m Triq is-Sur. *Dwal fuq l-iskultura*

**10.2** Is-Sur P Dalli qal li flimkien mas-Sur S Camilleri ltaqa' mal-Onor. A Agius Decelis bil-għan li jisma' minn għand il-Kunsill proposti dwar is-simplifikazzjoni tal-Amministrazzjoni u tnaqqis tal-Burokrazija. Is-Sur P Dalli qiegħed fuq il-mejda dokument mogħti lill-Kunsill waqt din il-laqgħa, relatat mal-'Miżuri ta' Simplifikazzjoni 2014'. *Laqgħa mal-Onor. A Agius Decelis*

**10.3** Is-Sur P Dalli saqsa dwar ix-xogħol relatat mad-dwal fuq is-siġra tar-roundabout f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju wieġeb li ġaladarba l-Kunsill japprova l-kuntrattur il-ġdid relatata mal-bankini u t-toroq, ikunu jistgħu jsiru s-*civil works* meħtieġa bil-għan li wara jkun mgħoddi d-dawl. *Dwal fir-roundabout*

**10.4** Is-Sur R Deguara ġibed l-attenzjoni li issa li tlesta x-xogħol biswit il-binja tal-HSBC f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, jistgħu jsiru mill-ġdid il-murali. Is-Sindku qal li jkun għaqli li jiġi kkuntattjat l-artist li kien għamilhom qabel mingħajr ħlas. *Murali*

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

*Is-Sur S Camilleri daħal fil-kamra 18:57*

**11.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4283/16/7 "Il-KL tal-Fgura jisħaq illi jeħtieġ jinżamm bilanċ bejn il-komunita kummerċjali u r-residenzjali. Fid-dawl illi hemm diversi loading/unloading bays fi Triq Zabbar, jirrifjuta t-talba annessa". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Un/loading bay – Centro Moda, Triq Żabbar*

Il-mozzjoni ref: 4283/16/7 ġiet approvata unanimament.

**11.2** Is-Sur J Zammit ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tiswija ta' asfalt fi Triq Żabbar k/m Triq San Tumas. Is-Sindku wieġeb li tali xogħol isir bil-*hot rolled asphalt* ġaladarba jingħata l-kuntratt il-ġdid. *Patching Triq Żabbar k/m Triq San Tumas*

## 12. Traffic Management

**12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4284/16/7 "Resoluzzjoni: B'referenza għal mozzjoni 4194/15/7 u għad-diversi kummenti illi l-Kunsill irċieva mir-residenti ta' Triq *Traffic Management – Triq B Lanċi u Triq Mondion*

Mondion, Triq Baldassare Lanċi u l-madwar hawn annessi. Dan il-Kunsill jiddiċiedi illi jibdel il-mod ta' kif sar it-traffic management fiż-żona, u ċioe' għandu jkun hemm aċċess ta' dħul minn Triq Baldassare Lanċi u ħruġ minn Triq Mondion". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli u s-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4284/16/7 ġiet approvata unanimament.

**12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4285/16/7 "Traffic management: 04/04/2016: 2016/258: Sabiex isir yellow lines quddiem l-ewwel garage fi Triq San Tumas km Triq Kampanella li huwa ta dar no. 73 Triq Kampanella. Sabiex wara li ġew implimentati parking bays fi Triq Zabbar, jiġi deċiż illi isiru parking bays tul il-main road kollha u ċioe' Triq Zabbar u Triq Hompesch. 17615095222628 Fi Triq Liedna ż-żgħira, il-garage li kien jintuża mill-għaqda Madonna Addolorata , ġie mibjugħ u qed jintuża bħala garage. Il-persuna li xtratu għandha diffikulta kbira biex joħroġ il-van tiegħu pick up mill-garage għaliex jipparkjaw faċċata , anke jekk hemm double line ftit iktar l-isfel. Għaldaqstant jixtieq li d-double line eżistenti faċċata ta dan iL-garage jitwal b'tali mod li għal dan iL-garage kif ukoll oħrajn ma ġembu ikunu jistgħu jimmanuvraw aħjar. Id-double line eżistenti jinsab quddiem San Antonio Mansions. Il-Kunsill japprova din it-talba. 2016/273-Sabiex isiru double yellow lines ta' metru ma garaxx ta' komun (7 garaxxijiet) bir-rampa fejn tidjieq it-triq, fi Triq San Tumas. F'każ illi ma jkunx hemm spazju biżżejjed, il-parking bay issir 2 m/c bays". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Sinjali tat-traffiku u marki biż-żebgħa*

Il-mozzjoni ref: 4285/16/7 ġiet approvata unanimament.

*Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra fis-19:06*

**12.3** Is-Sur M Lombardo qal li fi Triq Anġlu u Marianna Camilleri qed ikun hemm problema biex wieħed jipparkja. Is-Sur M Lombardo propona li jitneħħew il-parkeġġi fuq naħa waħda tat-triq. Is-Sindku ma qabilx dwar dan u qal li hemmhekk huwa pjanat li jidjiequ l-bankini bil-għan li l-parkeġġ jinżamm u l-karreġġjata tkun usgħa.

*Triq A u M Camilleri*

**12.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4286/16/7 "Sabiex issir konsultazzjoni mar-residenti fiż-żona tal-mużew tal-bniet fi Triq Kampanella, bil-proposta li ssir *sleeping police* f'din iż-żona. Din issir madwar 10 metri mill-*istop sign*". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Sleeping policeman Triq Kampanella*

Il-mozzjoni ref: 4286/16/7 ġiet approvata unanimament.

**12.5** Is-Sur C Bonello qal li l-Kunsill għandu jkollu kopja tar-rapport intitolat 'Respira' li jitratta l-kwalita' tal-arja fil-Fgura.

*Respira*

**12.5.1** Is-Sur J Zammit qal li ma huwiex ġust li dan ir-rapport wasal għand il-midja iżda ma ntbagħatx lill-Kunsill.

**12.5.2** Is-Sur S Camilleri qal li dan ir-rapport jista' jkun utli ferm sabiex jissustanzja l-argumenti tal-Kunsill fir-rigward tal-ippjanar urban għaċ-ċentru tal-lokalita'.

**12.5.3** Is-Segretarju qal li se jkun qiegħed jagħmel talba mill-ġdid ma' Dr. Martin Balzan dwar dan.

## 13. Finanzi

**13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4287/16/7 "Sabiex jiġi approvat ir-Rapport Finanzjarju Jannar - Marzu 2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Rapport Finanzjarju Jannar - Marzu 2016

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4287/16/7 ġiet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

**13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4288/16/7 "Sabiex jiġi approvat l-Annual Report and Financial Statements bl-Audit Adjustments". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Rapport Finanzjarju 2015 bl-Aġġustamenti inklużi*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4288/16/7 ġiet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 14. Mozzjonijiet

**14.1** Ma tressqet ebda mozzjoni taħt dan il-punt.

## 15. Mistoqsijiet

**15.1** Ma saret ebda mistoqsija.

## 16. Aġġornament.

**16.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2016, fis-18:30 hrs.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:25 hrs.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| *Dr. Byron Camilleri* | *Sur Christopher Cutajar* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: *10 ta' Mejju, 2016*